# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Simon Azzopardi**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Simon Azzopardi li ghandu n-numru tal-karta tal-Identita` bin-numri 103797M li permezz taghha gie akkuzat li:

1. Nhar lt-02 ta` Awwissu, 2017, ghal habta ta` nofsinhar u sebgha u ghoxrin minuta (12:27hrs) ta` wara nofsinhar, gewwa Cottonera Sports Complex, Triq Kottonera, Birgu ikkommetta serq ta` smart phone tal-ghamla Samsung J7 (6) bin-numru IMEI 355233080241266 lewn Gold ghad-detriment ta` Valerie Farrugia, liema serq hu aggravat bil-persuna, u bil-valur.

Rat l-atti u d-dokumenti ezibiti u semghet il-provi prodotti;

Rat li l-hati ddikjara li hu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Il-Qorti wara li spjegat u wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni fuq il-konsegwenzi li jitnisslu mill-ammissjoni tieghu, u wara li tat zmien bizzejjed lill-imputat sabiex jekk irid jerga` lura minnha, u wara li l-istess imputat reggha ikkonferixxa mal-avukat difensur rispettiv tieghu, l-imputat ghazel li jerggha jtenni l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti rat illi l-mobile phone in kwisjoni gie ritornat lill-sidu fi stat tajjeb.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat li rrizulta kundanna wahda ghar-reati li ghandhom x'jaqsmu mar-regolamenti tat-traffiku.

## *DECIDE:*

Fic-cirkostanzi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261 (c) (d), 267, 268 (a) (c) (d), 279 (a), 280 (1) tal-Kodici Kriminali, issib lill-imputat Simon Azzopardi, recidiv skont l-Artikoli 49 u 50, hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u ai termini tal-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta u tpoggi lill-imputat Simon Azzopardi taht Ordni ta` Probation ghal perjodu ta` tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta` reati simili.

Il-Qorti tiddikjara li spjegat il-konsegwenzi tal-Ordni fis-sens li jekk il-hati f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma` dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor huwa, jista` jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistghu jigu sofferti f'kaz ta` nuqqas t'adezjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation mogħti bid-Digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja uffiċjal tal-probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati. L-Uffiċjal tal-*Probation* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sena.

***Moghtija illum 25 ta` Ottubru, 2017 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***